2025/1535

29.10.2025

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1535

tad-29 ta' Lulju 2025

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/2847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' esklużjoni mill-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament għal ċerti prodotti b'elementi diġitali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2024/2847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 dwar ir-rekwiżiti orizzontali taċ-ċibersigurtà għall-prodotti b'elementi diġitali u, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013 u (UE) 2019/1020 u d-Direttiva (UE) 2020/1828 (Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(5), it-tieni subparagrafu, tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu (2) tar-Regolament (UE) 2024/2847, l-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament għal prodotti b'elementi diġitali koperti minn regoli oħra tal-Unjoni li jistabbilixxu rekwiżiti li jindirizzaw ir-riskji kollha jew uħud minnhom koperti mir-rekwiżiti essenzjali taċ-ċibersigurtà stabbiliti f'dak ir-Regolament tista' tkun limitata jew eskluża meta tali limitazzjoni jew esklużjoni tkun konsistenti mal-qafas regolatorju ġenerali li japplika għal dawk il-prodotti u fejn ir-regoli settorjali jiksbu mill-anqas l-istess livell ta' protezzjoni bħal dak previst minn dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) jistabbilixxi r-rekwiżiti amministrattivi u tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli kif ikkategorizzati f'dak ir-Regolament ("vetturi tal-kategorija L"). Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 44/2014 ([3]) jistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi u l-proċeduri tal-ittestjar dettaljati fir-rigward tal-kostruzzjoni tal-vetturi u r-rekwiżiti ġenerali għall-approvazzjoni ta' vetturi tal-kategorija L u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati maħsuba għal dawn il-vetturi f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 168/2013 u jistabbilixxi lista ta' regolamenti tal-UNECE u l-emendi tagħhom. Skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 44/2014, ir-regolamenti tal-UNECE u l-emendi tagħhom stabbiliti fl-Anness I ta' dak ir-Regolament Delegat għandhom japplikaw għall-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi tal-kategorija L.

(3) Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament tan-NU Nru 155 ([4]) ġie estiż biex jinkludi regoli dwar iċ-ċibersigurtà għall-vetturi tal-kategorija L. Għalhekk, ir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 44/2014 ġie emendat bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/1455 ([5]) li jemenda r-Regolament ta' Delega (UE) Nru 44/2014 fir-rigward tal-istabbiliment ta' rekwiżiti tekniċi u proċeduri tal-ittestjar fir-rigward tal-protezzjoni tal-vettura tal-kategorija L kontra l-attakki ċibernetiċi biex jinkludi r-Regolament tan-NU Nru 155 fil-lista ta' Regolamenti tal-UNECE applikabbli fuq bażi obbligatorja stabbilita fl-Anness I ta' dak ir-Regolament ta' Delega. Madankollu, il-vetturi tal-kategorija L1e ddisinjati biex jaħdmu bil-pedali imsemmija fl-Artikolu 3, il-punt (94)(b), tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 ġew eskluż mill-applikazzjoni obbligatorja tar-Regolament tan-NU Nru 155. Ir-Regolament Delegat (UE) 2025/1455 għandu japplika għat-tipi ta' vetturi ġodda mill-11 ta' Diċembru 2027 u għat-tipi ta' vetturi eżistenti mill-11 ta' Ġunju 2029.

([1]) ĠU L, 2024/2847, 20.11.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2847/oj.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli (ĠU L 60, 2.3.2013, p. 52, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/168/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 44/2014 tal-21 ta' Novembru 2013 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kostruzzjoni tal-vetturi u r-rekwiżiti ġenerali għall-approvazzjoni ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli (ĠU L 25, 28.1.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2014/44/oj).

([4]) Ir-Regolament tan-NU Nru 155 – Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward taċ-ċibersigurtà u s-sistema tal-ġestjoni taċ-ċibersigurtà [2025/5] (ĠU L, 2025/5, 10.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/5/oj).

([5]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/1455 tat-23 ta' Lulju 2025 li jemenda r-Regolament ta' Delega (UE) Nru 44/2014 fir-rigward tal-istabbiliment ta' rekwiżiti tekniċi u proċeduri tal-ittestjar fir-rigward tal-protezzjoni tal-vettura tal-kategorija L kontra l-attakki ċibernetiċi (ĠU L, 2025/1455, 29.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/1455/oj).

(4) Ir-Regolament tan-NU Nru 155 jintroduċi ċerti rekwiżiti taċ-ċibersigurtà, inkluż dwar it-tħaddima ta' sistema ċċertifikata tal-ġestjoni taċ-ċibersigurtà, dwar l-aġġornamenti tas-software, li jkopru l-politiki u l-proċessi tal-organizzazzjonijiet għar-riskji taċ-ċibersigurtà relatati maċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-vetturi, tat-tagħmir u tas-servizzi. Jindirizza r-riskji taċ-ċibersigurtà b'mod li huwa komparabbli mar-Regolament (UE) 2024/2847 u jikseb mill-inqas l-istess livell ta' protezzjoni bħal dak ir-Regolament. Barra minn hekk, ir-Regolament tan-NU Nru 155 jiżgura konsistenza mal-qafas ġenerali tal-approvazzjoni tat-tip li japplika għall-vetturi tal-kategorija L. Konsegwentement, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2024/2847 ma japplikax għal prodotti b'elementi diġitali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 168/2013, bl-eċċezzjoni tal-vetturi tal-kategorija L1e ddisinjati biex jaħdmu bil-pedali imsemmija fl-Artikolu 3, il-punt (94)(b), tar-Regolament (UE) Nru 168/2013,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/2847 għandha tiġi eskluża għall-prodotti b'elementi diġitali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 168/2013.

Madankollu, dik l-esklużjoni ma għandhiex tapplika għall-vetturi tal-kategorija L1e ddisinjati biex jaħdmu bil-pedali msemmija fl-Artikolu 3, il-punt (94)(b), tar-Regolament (UE) Nru 168/2013.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Lulju 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN